MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 1215/2003

Kawza fil-lista: 21

**A B**
**Vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet hekk:

Peress illi l-partijiet kienu ccelebraw iz-zwieg taghhom fis-7 ta' Ottubru 1994 fil-Knisja ta' San Giljan, fil-Parocca ta' San Giljan Malta, u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal E u F; u

Peress illi dan iz-zwieg kien nieqes mill-element essenzjali tieghu u kien vizzjat b'tali mod li dak iz-zwieg kien null u inezistenti; u

Peress illi l-kunsens taz-zewg partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha; u

Peress illi l-kunsens kien ukoll vizjat in vista tal-fatt li nkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga; u

Peress illi l-kunsens tal-attrici kien ukoll inkiseb b'biza; u

Jghid ghalhekk l-istess konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti, in vista tar-ragunijiet premessi, m'ghandhiex;

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-kunsens tal-partijiet ghaz-zwieg fuq imsemmi kien vizzjat kif fuq inghad;

2. Tiddikjara konsegwentement l-istess zwieg celebrat bejn il-partijiet fis-7 ta' Ottubru 1994 fil-Knisja ta' San Giljan, fil-Parocca ta' San Giljan, Malta, bhala null u inezistenti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenut debitament notifikat baqa' kontumaci;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attrici u l-lista tax-xhieda;

Senghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Kwadru tal-fatti**
Illi mill-kumpless tal-provi ddelinea ruhu s-segwenti kwadru tal-fatti. Fis-7 ta' Ottubru 1994 il-partijiet ikkuntrattaw zwieg civili, wara li kienu ilhom jafu lil xulxin ghal circa sena. Dak iz-zmien l-attur kellu dsatax [19] il-

sena u l-attrici kellha tmientax il-sena [18]. Il-provi juru li wara li l-partijiet kienu ilhom flimkien circa sitt xhur l-attrici harget tqila bir-rizultat li hija giet sfurzata biex tizzewweg minn missierha li kien heddidha li kien ser ikecciha l-barra mid-dar. Jidher li missierha kien ghamel pressjoni fuq il-konvenut ukoll sabiex dawna jizzewgu biex it-tarbija titwieled fiz-zwieg. Konsegwenzjalment il-partijiet izzewgu erbat xhur wara.

Sussegwentement, wara li kienet twieldet it-tarbija wara ftit xhur, rrizulta li l-konvenut ma kienx ippreparat emozzjonalment u lanqas mentalment ghal hajja matrimonjali, bir-rizultat li dana qabad il-vizzju tax-xorb u minn hemm bdiet da parti tieghu sensiela ta’ vjolenza domestika fil-konfront ta’ l-attrici, li estendiet anki fir-relazzjonijiet intimi bejniethom. Sadanittant kienet twieldet it-tieni tarbija. Konsegwenzjalment attrici, tenut kont tas-sitwazzjoni li sabet ruhha fiha u li kienet qed tissubixxi, ddecidiet li taghmel intervent kirurgiku sabiex tevita li jkollha aktar tfal f’ dawk ic-cirkostanzi. Sussegwentement il-partijiet isseparaw legalment.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi l-attrici qeda tibbaza t-talba taghha ghall-annullament taz-zwieg in disamina fuq il-kawzali li l-ghoti tal-kunsens kien vizzjat [1] b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fit-termini tal-paragrafu [d] tal-Kap.255; [2] simulazzjoni fit-termini tal-paragrafu [f]; u [3] biza’ fit-termini tal-paragrafu [a] dejjem tal-imsemmi Kap.

Illi din il-Qorti semghet lill-attrici tiddeponi viva voce quddiemha u taghtiha affidament.

Illi rigward l-ewwel kawzali l-Qorti tosserva f’ dan il-kaz tirravviza nuqqas serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fil-konfront tal-konvenut, kemm rigward il-hajja konjugali u izjed dwar obbligazzjonijiet li din timporta. Jidher car li, ghalkemm huwa kien qabel, sforz tal-pressjoni esercitata minn missier l-attrici, li jizzewweg lill-attrici minhabba l-istat ta’ gravidanza pre nuptjali, huwa ma keinx ghadu fehem is-sinifikat ta’ l-istat matrimonjali u d-dmirijiet li dan l-istat necessarjament jimporta, tant li fil-<u>ftit xhur ta’ wara</u>

iz-zwieg huwa beda jabbuza bl-alkohol li wasslu biex ikun vjolenti fil-konfront ta' martu li minn naha taghha f xi okkazzjonijiet kellha anke tirrikorri ghand il-dar Merhba Bik.

F' dan il-kaz kien hemm da parti tal-konvenut fil-konfront ta' l-attrici mankanza lampanti ta' dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-oggett taz-zwieg. Kien hemm nieqsa wkoll dik il-"*maturita' di gudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per la vita." [Bersini – citat fil-kawza PA Angela Spiteri Selvaggi vs Joseph Spiteri deciza 4.II.1994] .* Fi kliem iehor kien zwieg bazat fuq il-fragilita' tal-mument minhgjar preparazzjoni destinat li jitkisser fi zmien qasir. Ghaldaqstant din il-Qorti hi tal-fehma li din il-kawzali hija sostnuta mill-provi.

L-istess konkluzjoni pero' hija inapplikabbli ghat-tieni kawzali bazata fuq l-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga. Di fatti kif gie osservat mill-*Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza. Anthony Azzopardi vs Rita Azzopardi deciza fil-5.11.2005* is-simulazzjoni, peress li tirrikjedi l-eskluzjoni b' att posittiv tal-volonta' dirett proprju fir-rigward taz-zwieg innifsu jew element/i essenzjali tal-hajja matrimonjali, tippostula l-kapacita' li wiehed jaghraf u jirrifletti u li jiddecidi liberament, u proprju ghax ikun hemm din il-kapacita' wiehed jaghzel li jaghmel l-eskluzzjoni posittiva fuq riferita. Ghalhekk l-ezistenza tal-kawzali kontemplata fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] teskludi dik ta' simulazzjoni kontemplata fil-paragrafu [f]. Ghalhekk din il-kawzali ma tissussistix.

Illi rigward it-tielet kawzali bazata fuq il-paragrafu [a] tal-istess Artikolu 19[1], jigi osservat li biex il-biza' twassal ghall-annullament taz-zwieg din trid kun rizultat ta' vjolenza, fisika jew morali, li topera fuq il-vittma b' mod li ggieghelha taccetta li jizzewweg kontra l-volonta' taghha. Il-biza trid tkun certa, gravi u realistika. Trid tkun esercitata minn persuna kapaci, prezumibilment li tesegwixxi t-theddid, u trid tkun il-motiv principali li twassal lill-persuna biex tizzewweg biex tevita l-konsegwenzi tat-

theddid. Trid tkun tali li tikkostitwixxi pressjoni qawwija u insuperabbli li tinduci ghaz-zwieg lill-vittma li konsegwenzjalment ma tkunx libera li taghzel u taghmel dak li tixtieq u biex tevita l-minaccja ta' dannu gravi taghzel u taghmel dak li jiddettalha jew irid haddiehor *[vide fost ohrajn PA Denise Borg vs Christopher Borg - 21.10.2002; PA Melanie Borg Cachia vs Joseph Borg – 29.05.2003; PA Joseph D' Ugo vs Rita D'Ugo 20.06.1994; PA Marica D' Amato vs Philip D' Amato 31.01.2003]*

Fil-kaz in disamina l-Qorti tosserva li missier l-attrici esercita pressjoni fuqha biex tizzewweg sabiex it-tarbija titwieled fiz-zwieg, pressjoni tant qawwija li qanqal fiha dik il-biza fil-grad rikjesta mill-ligi u li inducietha sabiex taccetta li tizzewweg lill-konvenut. Din kienet l-uniku fattur li induciet lill-attrici taghmel dan il-pass importanti u ta' natura permanenti. Di fatti fid-deposizzjoni taghha tghid, u l-Qorti taghtiha affidament, li sahansitra heddidha li jkecciha mid-dar – theddida li tassumi proporzjonijiet gravi kunsidrat l-eta' zghira ta' l-attrici. Ghaldaqstant fil-fehma tal-Qorti din il-kawzali tinsab sostnuta u l-vot tal-ligi sodisfatt.

Illi in vista tal-premess il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt: fil-fatt ghax sostnuta mill-provi, u fid-dritt ghal tidhol fit-termini ta' l-ewwel parti tal-paragrafu [d], u tal-paragrafu [a] tal-Artikolu 19[1] tal-Att dwar iz-Zwieg.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tiddikjara null u bl-effetti fil-ligi z-zwieg kuntratt bejn il-partijiet fis-7 ta' Ottubru 1994 fil-Knisja ta' San Giljan.

L-ispejjez ghandhom jinqassmu wgwalment bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------